**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43

Data tal-laqgħa: 11 t' Ottubru, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 11 t' Ottubru 2017 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b' apoloġiji: | Mario Gauci |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**43/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**43/01/01** Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sur Mario Gauci.

**43/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 42**

**43/02/01** Is-Sur Christopher Fenech talab li ssir korezzjoni f'punt 42/05/01 u l-aħħar frazi tinqara kif ġej: 'Għal Christopher Fenech ma tagħmilx differenza jekk it-*traffic lights* ikunux bi tnejn jew tliet kuluri'. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**43/02/02** **Para 42/02/02**: Waqt laqgħa ma' Transport Malta li għaliha attendew is-Sur Christopher Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv ġejna nfurmati li r-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza suppost ħa jsir dalwaqt.

**43/02/03** **Para 42/02/03:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija. Mill-informazzjoni li għandna l-applikazzjoni għadha ma ġietx ipproċessata.

**43/02/04** **Para 42/02/04:** Il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti rigward l-immaniġġjar ta' traffiku fi Triq il-Gnien u Triq San Gwann mhux ħa ssir għalissa.

**43/02/05** **Para 42/02/05:** Fuq ir-*Revised Street Light Program,* it-tender għadu ma ġiex aġġudikat.

**43/02/06** **Para 42/02/06:** Is-Sindku ħabbar li dawl ta' ma' dawra tal-knisja ġie tajjeb hafna u ta' dan irringrazzja lill-Kappillan.

**43/02/07** **Para 42/02/07:** Is-Sindku spjega li l-ARMS għadhom ma bagħtulniex il-kont tas-*Searchlight Battery*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għandna nirċevuh dalwaqt.

**43/02/08** **Para 42/02/09:** Fuq is-suġġeriment li jsir *culvert* fi Sqaq Warda, il-Kunsill qabel li nkellmu lis-Sid u jekk jaqbel ix-xogħol isir imma spejjeż għalih peress li quddiem il-proprjetà tiegħu.

**43/02/09** **Para 42/02/11:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Patrick Calleja sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li l-ewwel isir ir-*refreshing* tas-sinjali ta' Triq il-Ġnien u wara nerġgħu nikkonsidraw it-talba ta' Sur Calleja.

**43/02/10** **Para 42/02/14:** Sal-lum il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand il-bord tal-Awtorità tal-Artijiet rigward it-talba tagħna sabiex it-Torri tas-Semaforu jkun jista' jinkera ħalli jintuża sabiex isiru esibizzjonijiet.

**43/02/11** **Para 42/02/21:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Christopher Fenech li ssir *information* panel ħdejn it-Torri tas-Semaforu, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li eżatt kif ikolna l-informazzjoni kollha nkunu nistgħu nibagħtu l-*works order*.

**43/02/12** **Para 42/02/22:** Il-linji fil-kantuniera bejn Triq in-Naxxar u Triq Giovanni Gafa' u Triq in-Naxxar k/m Triq Isqof S. Gaffiero saru.

**43/02/13** **Para 42/03/03:** Il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima saret, għaliha attendew is-Sindku u s-Sur Carl Grech. Is-Sindku spjega lil Dr Grima li bħalissa għandna problema bil-ground tax-Xwieki u li hemm bżonn li l-kuntratt jiġi rivedut. Barra minn hekk, meta staqsew lil Dr Grima jekk hux vera li ħa ssir lukanda f'art fil-vicinanzi bhala parti minn progett ta' Naxxar Lions, hu ċaħad u qal li l-liġi ma tippermettix li tinbena lukanda.

**43/02/14** **Para 42/03/04:** Il-laqgħa mal-Ministru Dr Jose Herrera saret, għaliha attendew is-Sindku u s-Sur Christopher Fenech. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss l-istat ħażin li jinsabu fih il-Victoria Lines. Il-Kunsill talab li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Gvern. Ġie deċiż li jekk ikun hemm bżonn issir laqgħa mal-Ministru Dr Owen Bonnici.

**43/02/15** **Para 42/03/05:** Is-Sindku kien ressaq li jsiru numru ta' toqob mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, dawn għadhom pendenti.

**43/02/16** **Para 42/03/07:** Il-*clean-up* ġewwa l-Għargħur li ġiet oraganizzata minn Let's Do it Malta flimkien mal-Kunsill Lokali saret u kienet success. Kien hemm qbil li terġa' ssir oħra fix-

xhur li ġejjin. Fil-frattemp, is-Sindku spjega li l-Mc Donald's (tal-Għargħur) urew ix-xewqa li jgħinu f'dawn l-inizjattivi.

**43/02/17** **Para 42/03/09:** Is-Sindku qal li l-Party tal-Milied għal anzjani ħa jsir fis-sala tal-każin tal-banda u li l-prezz ħa jkun ta' €5 kull wieħed; Is-Sur Aquilina qal li għal Mixja sal-Għar u rigward il-Kunċert tal-Milied ħa nimxu eżatt bħas-sena l-oħra. Kien hemm qbil unanimu.

**43/02/18** **Para 42/03/10:** Is-Sindku spjega li diġà beda x-xogħol fuq il-fuljett ta' Diċembru. Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment li fil-fuljett ikun hemm parti b'informazzjoni bħal ħinijiet tal-ftuħ u numri tat-telefown importanti. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

**43/02/19** **Para 42/03/11:** Rigward l-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-21 t'Ottubru 2015 fi Triq San Nikola fejn fanal waqa' fuq il-vettura LEK941, is-Sindku kkonferma li kien hemm rapport tal-Pulizija, għaldaqstant, kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa llum ħa jiġu approvati wħud mill-ispejjeż u l-kumplament fil-laqgħa ta' wara.

**43/02/20** **Para 42/03/12:** Is-Sur Giljan Aquilina qal li bgħatna ittra-e lil TM sabiex ikun hemm uffiċjali tagħhom fi żewġ daħliet tal-Għargħur. Iżda żid jgħid li f'ċertu ġranet mhux qed ikun hemm xi konġestjoni kbira tat-traffiku.

**43/02/21** **Para 42/03/13:** Fuq il-proposta ta' Sindku li Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Birguma) issir *one-way* mis-6:00a.m-9:00a.m, is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra-e lil TM imma sal-lum għadna ma rċevejniex risposta.

**43/02/22** **Para 42/05/01:** Rigward is-sistema ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien, is-Sur Christopher Fenech reġa' saħaq li kemm jekk isiru b'żewġ kuluri u kemm jekk isiru bi tlieta kuluri dan mhux ħa jaffettwa. Barra minn hekk, qal li jekk il-liġi titlob li jsiru bi tlieta kuluri aħna għandna nimxu magħha. Is-Sindku spjega li fl-Università s- sistema ta' *Traffic Lights* qeda b'żewġ kuluri u xorta taħdem tajjeb. Is-Christopher Fenech qal li llum jeżistu wkoll *Traffic Lights* bil-camera. Anki s-Sur Carl Grech jaqbel li jsiru bil-camera sabiex ikun hemm iktar kontroll. Is-Sindku spjega li l-iktar ħaġa importanti li jkunu ssettjati kif suppost ħalli ma jkunx hemm inċidenti. Is-Sur Christopher Fenech qal li jekk aħna nemmnu li għandna nagħmluhom, noħorġu l-flus ħalli jsiru. Għalissa ha nipprovaw li jiġu instalati b'mod temporanju għal perjodu ta' prova.

**43/02/23** **Para 42/05/04:** Il-kaxxa safra quddiem il-garaxx ta' Sur Jesmond Tonna saret.

**43/02/24** **Para 42/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal offerti għal erba' *outdoor gym equipment* (għal Ġnien il-Paċi), ħa toħroġ nhar il-Ġimgħa, 20 t'Ottubru 2017.

**43/02/25** **Para 42/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fil-qosor x'kien jikkonsisti s-Seminar dwar il-preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017. Fil-ġimgħat li ġejjin is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu mal-Accountant fuq dan is-suġġett u fuq affarijiet oħra.

**43/02/26** **Para 42/05/15:** Fuq it-talba ta' Sinj. Cassar li toqgħod fi Triq Santa Katerina u li għandha bżonn ittra mill-Kunsill sabiex tappella ma' TM ħalli ma jipparkjawx il-mini-bus ħdejn il-garaxx, is-Segretarju Eżekuttiv ħa terġa' tipprova tagħmel kuntatt magħha sabiex tifhem eżatt x'inhi l-problema.

**43/02/27** **Para 42/05/18:** Fuq is-suġġeriment biex issir xi ħaġa flok iż-żewġ bollards ħdejn l-istage tal-pjazza peress li kull darba jintlaqtu mit-trakkijiet, il-Kunsill qabel li jieħu parir mill-kuntrattur tagħna u mill-Koptasin.

**43/02/28** **Para 42/05/19:** Fuq it-talba biex fi Sqaq Ružarju jkun hemm *bollard* li jissakkar. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra lir-residenti u qablu li jsir. Il-Kunsill qabel li din issir fil-bidu tas-sena 2018.

**43/02/29** **Para 42/05/20:** Fuq it-tabella 'T' għal Sqaq Ružarju, din ġiet ordnatha u ħa teħel fil-ġranet li ġejjin.

**43/02/30** **Para 42/05/27:** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri sabiex titranġa parti mill-bankina fi Sqaq iċ-Ċawl, għadna qed nistennew l-istima mingħand ir-Road Servicing Ltd.

**43/02/31** **Para 42/05/32:** Is-Sindku kien ressaq li jitneħħa il-bin, kif ukoll il-bank u t-tabella li hemm qrib il-Ġnien il-Ponta. Bażikament kemm il-bin kif ukoll it-tabella tneħħew filwaqt li l-bank minflok ħa jinqala' ħa jissewwa. Kien hemm qbil unanimu.

**43/02/32** **Para 42/05/36:** Is-Sur Mark Azzopardi kien ressaq li titranġa t-tumbata li hemm fi Triq Kromb il-Baħar, din għadha pendenti.

**43/02/33** **Para 42/05/37:** F'Novembru, is-Sur Mark Azzopardi u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu mal-Perit peress li fi Triq F. Zarb (fi Sqaq ta' ħdejn l-antenna) qed iżomm ħafna ilma.

**43/02/34** **Para 42/05/38:** Is-Sindku spjega li ma tistax teħel bozza ġdida fi Sqaq ix-Xaqquf għax ma hemmx arbli.

**43/02/35** **Para 42/05/40:** Dawn it-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech 'STOP' sign fi Triq San Bartilmew; Żewġ tabelli tal-'*one-way*' fi Triq Żagħruna; Tabella 'T' fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa; Vleġġa fi Triq Karmnu Żarb; Tabella li turi '*sleeping police*' kif ukoll tabella li turi trakkijiet żgħar fi Triq Triq Karmnu Żarb u tabella 'STOP' fi Triq Żagħruna għandhom isiru l-ġimgħa d-dieħla.

**43/02/36** **Para 42/05/41:** Fuq is-suġġeriment li ressaq is-Sur Christopher Fenech li jeħlu t-tabelli tal-'*one-way*' fi Vjal ir-Repubblika k/m Triq Karmnu Zarb, it-tabelli huma ordnati imma għadhom pendenti.

**43/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**43/03/01** Is-Sindku kellu laqgħa mal-Ombudsman fuq il-*Performance Appraisal* ta' Sinjura Louise Gusman. Waqt din il-laqgħa s-Sur Aquilina spjega x'kienu l-problemi u żid ukoll li l-

Sindku ta' qabel kien prepara *Performance Appraisal Report* rigward is-Sinjura Louise Gusman iżda dan ir-rapport ma baqax fl-uffiċċju.

**43/03/02** Is-Sindku ressaq li jinbidlu żewġ fanali wieħed fi Triq Mons L. Catania u l-ieħor fi Triq Ferdinand. Fl-istess waqt is-Sur Mark Azzopardi qal li għandna ngħidu lil Electrician sabiex itaqqab il-fanali l-ġodda. Kien hemm qbil unanimu.

**43/03/03** Is-Sur Aquilina qal li rċieva ittra mingħand il-President sabiex fl-1, 2 u 3 ta' Diċembru nieħdu sehem f'attivitajiet b'risq l-Istrina. Il-ġimgħa d-dieħla ħa jkun hemm laqgħa ta' informazzjoni.

**43/03/04** Is-Sur Ġiljan Aquilina preżenta l-Programm ta' Attivitajiet organizzati mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali.

**43/03/05** Is-Sindku ressaq talba sabiex jimtlew it-toqob ta' Sqaq Zico. Kien hemm qbil unanimu.

**43/03/06** Is-Sur Aquilina propona li d-dawl dekorattiv tat-toroq fil-Milied isir mis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew filwaqt li d-dawl dekorattiv ta' Triq l-Oratorju isir mill-Għaqda tal-Armar. Kien hemm qbil unanimu li nimxu bħas-sena l-oħra.

**43/03/07** Is-Sindku ressaq li nagħmlu toqba f'Misraħ il-Knisja fejn titpoġġa s-Siġra tal-Milied. Kulħadd qabel li ssir.

**43/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**43/04/01** Ma kienx hemm.

**43/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**43/05/01** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari 26/2017 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**43/05/02** Il-Kunsill irċieva stima mingħand Muzzan Blacksmiths - erba' gradi tal-ħadid (galvanizzat) għal prezz ta' €708. Il-Kunsill qabel li jinxtraw.

**43/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA.

**43/05/04** Ġiet innutata stima mingħand is-Sur Aidan Azzopardi għal *crumbled tarmac*.

**43/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA.

**43/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Julian Pace Bonello fuq l-MOC Sports Awards 2017.

**43/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Adrian Mifsud fejn talab li jsir il-*Performance Appraisal* ta' Sinjura Gusman u li dan l-*Performance Appraisal* jitressaq waqt il-Laqgħa tal-Kunsill.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| **43/05/08** | Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li nibagħtu oġġezzjoni fuq PA/04938/17 Quality Living Co. Ltd Site at, Triq l-Isqof Gargallo c/w Triq San Bartolomew, Gharghur minħabba li ħa jikbru l-problemi ta' traffiku u tal-parkeġġ. |
| **43/05/09** | Il-Kunsill irċieva mingħand Green MT rigward kampanja bl-isem Tetra għall-Istrina fejn qed iħeġġu Kunsilli Lokali biex jiġbru bosta kartun tal-ħalib u juices u l-Green MT tagħti €60 għal kull tunnellata lil Malta Community Chest Fund Foundation fl-attività tal-Istrina. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiv għall-Istrina. |
| **43/05/10** | Ġiet innutata l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex issir road hump fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu li ssir. |
| **43/05/11** | Fuq ilment rigward radam mitfugħ fil-Wied u li qiegħed jimpedi n-nies milli jgħaddu fi Triq il-Ġnien ħdejn ta' Preziosi. Ġie nnotat li diġà daħħalna rapport. |
| **43/05/12** | Fuq it-talba ta' Sinj. Claire Fino sabiex isir mera quddiem il-gate għax biex toħroġ il-karozza mill-garaxx ġo Triq San Ġwann hemm periklu. Il-Kunsill jaqbel basta li s-Sinj. Fino tħallas l-ispejjeż. |
| **43/05/13** | Fuq it-talba ta' Sur Alfred Muscat sabiex jitwal id-*double yellow line* minn ħdejn Cent Anni sal-kantuniera fi Triq Mons L. Catania. Il-Kunsill qabel li jsiru. |
| **43/05/14** | Fuq it-talba ta' Sinj. Claire Fino sabiex issir *sleeping police* fi Triq San Gwann (fil-bidu). Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li ftit metri 'l bogħod diġà hemm waħda. |
| **43/05/15** | Fuq it-talba ta' Sur Carmelo Bezzina sabiex titranġa l-bankina fi Triq San Bartilmew (fin-niżla) għax l-ilma qed jidħolhom ġewwa. Is-Sindku spjega li fil-passat diġà kienet saret *site-visit* u li l-bankina u t-triq saru qabel l-iżvilupp. Kien hemm qbil li nkellmu l-perit ghal parir tekniku. |
| **43/05/16** | Fuq it-talba ta' Sur Falzon sabiex Triq il-Ġdida tiġi One-Way (jiġifieri minn Triq il-Ġdida titla' għal Triq il-Kbira) dan għaliex qed jagħmlulu l-ħsara fil-faċċata. Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit*. |
| **43/05/17** | Fuq it-talba ta' Sur Charles Zerafa biex titranġa l-bankina ta' quddiem id-dar Nru 125 fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel li nibagħtu ħaddiem sabiex jirranġa l-bankina. |
| **43/05/18** | Fuq it-talba ta' Sinj. Marianne Vella sabiex jitneħħa l-pole taz-zebra crossing ta' Triq San Bartilmew peress li ħa titwaqqa d-dar - Il-Kunsill qabel li nibagħtu ittra lis-Sinj. Vella sabiex nispjegawlha li l-pole taz-zebra crossing ser jinqala' sakemm taqa' d-dar u terġa' tinbena u li kif jitlesta x-xogħol l-istess pole jerġa' jitpoġġa lura f'postu. |
| **43/05/19** | Fuq l-ilment li ressaq is-Sur Laurence Mizzi għax hemm xi ħadd li qed jitma' l-qtates fi Triq l-Indipendenza – Il-Kunsill qabel li nwaħlu sticker rigward *feeding* tal-annimali. |
| **43/05/20** | Is-Sur Giljan Aquilina ressaq li nixtru numru ta' tabelli li jindikaw li sidien ta' klieb għandhom jieħdu ħsieb ma jħammġux barra. Kien hemm qbil unanimu. |

**43/05/21** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb fi Triq F. Zarb. Il-Kunsill qabel li nwaħlu xi żewġ stickers.

**43/05/22** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq li ssir tabella *'Do Not Obstruct'* qrib il-Ġnien tal-Ponta għax sid l-għalqa ma jkunx jista' jidħol u joħroġ minnha. Il-Kunsill qabel li ssir.

**43/05/23** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nordnaw tabella oħra li tindika l-ATM sabiex teħel fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**43/05/24** Is-Sur Fenech ressaq li tinbidel it-tabella *'One-Way'* li tinsab ħdejn il-Każin tal-Banda. Il-Kunsill qabel li nixtruha.

**43/05/25** Is-Sur Fenech qal peress li l-*bus shelters* jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali, għandna nagħmlu kuntatt mal-Perit u nibdew il-proċess sabiex isir *bus shelter* fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil unanimu.

**43/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**43/06/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Qasam Soċjali.

**43/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**43/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**43/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**43/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2017 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**